MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 406/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kevin Ellul**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kevin Ellul talli:

(1) il-Mosta nhar-il 20 ta' Jannar 2008 ghall-habta tas-sitta u nofs ta' fil-ghodu (06:30), gewwa Triq id-Durumblat, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ta' traffiku kkaguna l-mewt ta' Emmanuel Formosa;

(2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KVN-222 bi traskuragni kbira jew b'mod perikoluz;

(3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura KVN-222 fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

(4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq, ipprova jsuq jew kien fil-kontroll ta' vettura fit-triq jew f'post pubbliku wara li kien ikkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt;

(5) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala d-driver tal-vettura KVN-222 naqas li jieqaf wara li din il-vettura bil-mutur fit-triq kienet involuta f'incident li kien jinvolvi offiza fuq persuna ohra;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Settembru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 225 tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijet ta' Malta, filwaqt li lliberat lill-imsemmi Kevin Ellul mit-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, sabitu hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u kkundannatu tliet snin prigunerija sospizi ghal tliet snin bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre ordnat li jhallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' tlett elef erba' mija u tlieta u disghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€3,493.48) konnessi ma' l-ispejjez peritali, wissietu bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza, u ssospendietlu l-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fil-11 ta' Ottubru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (a) tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat ghall-piena ta' tliet snin prigunerija sospizi ghal tliet snin u

minflok tinfliggi piena skond il-ligi, u (b) tikkonfermaha fil-bqija;

**4.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Kevin Ellulipprezentat fil-11 ta’Ottubru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfemaha in kwantu ma nstabx hati tat-tielet, ir-raba’ u l-hames imputazzjonijiet u li minnhom illiberatu, tikkonfermaha wkoll in kwantu ghas-sejbien ta’ htija ta’ l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u tvarja l-piena nflitta ghal piena anqas skond il-ligi;

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-aggravji ta’ l-Avukat Generali huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-piena erogata mill-ewwel Qorti hi llegali peress illi sabiex piena ta’ prigunerija tista’ tigi sospiza, din ma tistax tkun izjed minn sentejn; (2) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament inkomplet tal-fatti tal-kaz u dan wassal ghal piena manifestament miti; (3) li l-piena erogata ghandha tkun konformi ma’ diversi sentenzi moghtija minn dawn il-Qrati.

**7.** Da parti tieghu Kevin Ellul jghid li meta l-ewwel Qorti nfliggiet terminu ta’ tliet snin prigunerija sospizi skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kien kaz car ta’ *lapsus calami*, u riedet timponi piena ta’ sentejn prigunerija sospizi skond l-imsemmi artikolu. Fil-fatt il-konsiderazzjonijiet ta’ dik il-Qorti juru car li l-intenzjoni taghha kienet li taghti sentenza sospiza ta’ prigunerija. L-appellant jitlob ulterjorment illi l-piena tinghata fil-*minimum* taghha jew tkun konvertita f’multa.

**8.** Jigi mill-ewwel osservat illi kemm l-Avukat Generali kif ukoll l-imsemmi Kevin Ellul (minn hawn ‘il quddiem imsejjah “l-appellant/l-appellat”) ghandhom ragun dwar il-piena kif inflitta mill-ewwel Qorti. Skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **“qorti li taghti sentenza ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn sentejn ghal reat tista’ tordna li s-sentenza ma ghandhiex**

**tibda ssehh hlief jekk, matul dak il-perijodu li jigi specifikat fl-ordni, li ma jkunx ta' inqas minn sena jew ta' izjed minn erba' snin mid-data ta' l-ordni, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija"**. Ghalhekk meta l-ewwel Qorti qalet illi kienet qed tinfliggi piena ta' tliet snin prigunerija li mbaghad issospendiethom ghal tliet snin, hija ma kinitx qed tinfliggi piena skond il-ligi. Fl-istess hin, bil-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti u r-referenza li ghamlet ghall-artikolu 28A tal-Kap. 9 jidher car li l-intenzjoni taghha kienet li taghti sentenza ta' prigunerija u tissospendi l-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza. Ghalhekk ma jistax jigi eskluz li, kif issuggerixxa l-appellant/l-appellat, u kif anke semmew il-*parte civile* fin-nota taghhom tal-1 ta' Ottubru 2010, dan kien biss kaz ta' *lapsus calami* da parti ta' l-ewwel Qorti.

**9.** L-Avukat Generali, pero`, jinsisti illi l-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti ma kinux korretti. Hekk jghid illi l-fatt illi l-vittma kien liebes skur ma setax ikkontribwixxa ghall-incident peress illi s-sewwieq kiser ghan-naha hazina tat-triq u hemm laqat il-vittma. Jghid illi s-sewwieq irrapporta lill-Pulizija ghax inghata parir li jaghmel hekk u mhux minn jeddu wara li sehh l-incident. L-Avukat Generali jirreferi wkoll ghal xi gurisprudenza fejn imputati gew ikkundannati sentenzi effettivi ta' prigunerija.

**10.** Dwar jekk il-fatt illi l-vittma kien liebes oskur setax b'xi mod ikkontribwixxa ghall-incident in kwistjoni, kienu ta' din il-fehma kemm l-espert tekniku Mario Buttigieg (ara r-relazzjon tieghu Dok. MB a fol. 148) kif ukoll l-ewwel Qorti. M'hemmx dubju illi l-vittma ma kienx liebes skond l-ezortazzjoni tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq, u cioe` *"at night wear a reflective armband, jacket, etc. Never wear dark clothing at night"* (paragrafu 17). Issa, l-iskontru sehh fuq in-naha tal-lemin tat-triq, cioe` fuq il-lemin tad-direzzjoni minn fejn kien gej l-appellant. Mill-pjanta mhejjija mill-A.I.C. Richard Aquilina, tenut kont tal-pozizzjoni tal-framment numru wiehed (1) li jista' jindika l-inhawi ta' l-i*spot of impact*, ma jidhirx illi l-vittma kien ghaddej imhaxken mal-hajt. M'hemmx dubju illi l-appellant/l-appellat, ghal xi raguni, invada l-karreggjata

opposta. L-ewwel Qorti fil-fatt ghamlet dawn l-osservazzjonijiet: **“Illi mill-atti processwali ma jidhirx illi l-imputat kien qieghed isuq b’xi speed eccessiv. Mir-rapport Dokument MB ta’ l-espert tat-traffiku Mario Buttigieg jirrizulta illi l-imputat kien qieghed isuq bi speed normali meta sehh l-incident. Illi ghalhekk ma kenitx il-velocita` li wasslet ghall-impatt izda ghad-dizattenzjoni momentanja fis-sewqan tieghu li wassal sabiex huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq.”** Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma tarax kif tista’ tinferixxi x’wassal ghal dik id-dizattenzjoni. Setghu kienu diversi l-fatturi li wasslu ghal dik id-dizattenzjoni u, frankament, dawn huma fir-relm tal-kongettura. Waqt sottomissjonijiet orali sar enfazi fuq il-fatt li l-appellant/l-appellat kien ghamel lejl barra u kien qieghed jixrob. Izda l-Avukat Generali stess fir-rikors ta’ appell tieghu talab biss ir-revoka tas-sentenza appellata in kwantu kkundannat lill-appellant/l-appellat ghall-piena ta’ tliet snin prigunerija sospizi ghal tliet snin u l-konferma ta’ dik is-sentenza fil-bqija. Jigifieri talab il-konferma anke ta’ dik il-parti tas-sentenza appellata li <u>ma sabitx</u> lill-istess appellant/appellat hati tat-tielet imputazzjoni (li fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura KVN-222 fi triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi) u tar-raba’ imputazzjoni (fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq, ipprova jsuq jew kien fil-kontroll ta’ vettura fit-triq jew f’post pubbliku wara li kien ikkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt). Ma tistax ghalhekk din il-Qorti tikkunsidra li l-incident seta’ sehh ghax l-appellant/l-appellat kien effettwat bix-xorb. Fl-ahharnett, nonostante illi l-appellant/l-appellat spicca fuq in-naha hazina tat-triq, seta’, kieku l-vittma kien liebes kif ezortat mill-Kodici tat-Triq, jattira l-attenzjoni ta’ l-appellant/l-appellat ghall-prezenza tieghu? L-ewwel Qorti u l-perit tekniku dehrilhom li seta’. Din il-Qorti ma tistax teskludi *a priori* tali possibilita`, almenu *in poca misura*.

**11.** L-Avukat Generali jghid illi l-appellant/l-appellat ma rrapportax lill-Pulizja minn jeddu. U li kieku rrapporta tempestivament forsi seta’ jsalva l-hajja tal-vittma. Dwar

jekk il-vittma kienx isalva jew le, sfortunatament hawn ukoll wiehed jista’ biss jikkongettura. Inghatax parir jew le, il-fatt hu li l-appellant/l-appellat mar minn jeddu ghand il-Pulizija ghax sa dak il-hin li mar ghandhom, il-Pulizjia kienu qeghdin jahsbu li dan kien kaz ta’ omicidju. Imbaghad l-appellant/l-appellat ikkoopera mal-Pulizija fl-investigazzjoni taghhom, u xehed ukoll quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

**12.** L-Avukat Generali jissottometti li din il-Qorti ghandha tikkunsidra sentenza effettiva ta’ prigunerija minflok wahda sospiza. Issa bhalma qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius** moghtija fit-13 ta’ Novembru 2009, **“is-sentenza ta’ prigunerija sospiza mhix, kif jahsbu xi whud, *a let off* jew semplicement *a slap on the hand*. Min ikun gie kkundannat ghal piena ta’ prigunerija sospiza jrid ikun, matul il-perijodu operattiv taghha, kif jghid il-Malti, ‘imqarar u mqarben’, ghax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm stabbilita piena ta’ prigunerija, meta jinstab hati ta’ dak ir-reat l-iehor tigi attivata l-piena ta’ prigunerija li tkun giet hekk sospiza, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha.”** Il-ligi ma teskludix il-possibilita` li tinghata sentenza sospiza ta’ prigunerija anke fejn ikun gie kommess reat involontarju, u lanqas fejn si tratta ta’ *first time offender*. F’dan il-kaz, jinghad ukoll illi l-fedina penali ta’ l-appellant/l-appellat kienet u ghadha sallum wahda netta. Ghalhekk din il-Qorti ma tara l-ebda raguni sabiex tvarja n-natura tal-piena li l-ewwel Qorti kienet iddecidiet li tinfliggi. Fl-istess hin huwa l-kaz illi l-perijodu ta’ sospensjoni jkun tal-massimu permess mil-ligi ta’ erba’ snin. Barra minn hekk din il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi tal-kaz huwa mehtieg illi l-appellant/l-appellat ikun taht is-supervizjoni ta’ ufficjal sorveljanti a tenur ta’ l-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali.

**13.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tipprovdi dwar l-appell ta’ l-Avukat Generali u l-appell ta’ Kevin Ellul billi tiriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmi Kevin Ellul ghal prigunerija ghal perijodu ta’ tliet snin sospizi ghal tliet snin

u minflok, tikkundannah ghal sentejn prigunerija, liema sentenza m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ snin millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija. Inoltre, a tenur ta’ l-artikolu 28G tal-Kap. 9, taghmel ordni ta’ supervizjoni u tqieghed lill-istess Kevin Ellul taht is-supervizjoni ta’ ufficjal sorveljanti ghall-perijodu ta’ sentejn millum taht il-kondizzjonijiet indikati fl-ordni hawn anness. Tikkonferma s-sentenza appellat fil-bqija. Din il-Qorti spjegat lill-imsemmi Kevin Ellul bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------